A.L. 14 ta' 2001

ATT DWAR SERVIZZI TA' L-IVVJAĠĠAR U TAT-TURIŻMU GĦAL MALTA (KAP. 409)

Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kontribuzzjonijiet tas-Settur Privat għal Servizzi tat-Turiżmu

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 7(3) u 47 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta, il-Ministru għat-Turiżmu, bir-rakkomandazzjoni ta' l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:–

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2001 dwar il-Kontribuzzjonijiet tas-Settur Privat għal Servizzi tat-Turiżmu, u għandhom jitqiesu li bdew iseħħu mill-1 ta' Jannar, 2001.

Tifsir.

2. F'dawn ir-regolamenti, sakemm ir-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'ohra -

"arei turistiċi" tfisser l-arei turistiċi speċifikati fit-Tieni Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità tat-Turiżmu ta' Malta mwaqqfa bl-artikolu 3 ta' l-Att dwar Servizzi ta' l-Ivvjaġġar u tat-Turiżmu għal Malta.

Kontribuzzjonijiet li jitħallsu lill-Awtorità.

3. Għandha titħallas lill-Awtorità mill-persuni msemmija fl-Ewwel Kolonna ta' l-Ewwel Skeda li tinsab ma' dawn ir-regolamenti l-kontribuzzjoni annwali stipulata fit-Tieni Kolonna ta' dik l-Iskeda dwar dawk il-persuni u dwar ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mat-turiżmu u li qegħdin hemm speċifikati:

Iżda jekk l-ammont ta' kontribuzzjonijiet dovut lill-Awtorità jitħallas fi żmien tliet xhur kalendarji mid-data meta l-ħlas ta' dak l-ammont ikun dovut, ir-rata li tapplika għandha titnaqqas b'għoxrin fil-mija (20%).

Ibassar l-A.L. 279 ta' l-2000 u A.L. 64 ta' l-1984.

4. Ir-Regolamenti ta' l-2000 dwar il-Kontribuzzjonijiet tas-Settur Privat għal Servizzi tat-Turiżmu u, a skans ta' kull ekwivoku, ir-Regolamenti ta' l-1984 dwar il-Kontribuzzjonijiet għall-Organizzazzjoni Nazzjonali tat-Turiżmu, huma b'dan imħassra.

L-EWWEL SKEDA

(Regolament 3)

Rati ta' kontribuzzjoni għas-settur privat

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
A. **Lukandi**	
Ħames Stilel	Lm 28.75 kull kamra
Erba' Stilel	Lm 15.00 kull kamra
Tliet Stilel	Lm 7.50 kull kamra
Żewġ Stilel	Lm 5.00 kull kamra
Kamra titqies li tkun mgħammra kif suppost jekk ikollha żewġ sodod tal-wieħed jew sodda ta' tnejn waħda	
B. **Villaġġi/*Aparthotels***	
Detentur ta' Liċenza ta' Villaġġ/*Aparthotel*	
Erba' stilel	Lm 28.75 kull *unit*
Tliet stilel	Lm 15.00 kull *unit*
Żewġ Stilel	Lm 10.00 kull *unit*
Unit titfisser sew bħala kamra b'żewġ sodod tal-wieħed jew sodda ta' tnejn waħda jew appartament *self-catering*.	
C. ***Guesthouses/Hostels***	
Detentur ta' Liċenza ta' *Guesthouse/Hostel*	
Standard Guesthouse	Lm 37.50 kull *guesthouse*
Comfort Guesthouse	Lm 37.50 kull *guesthouse*
Standard Hostel	Lm 37.50 kull *hostel*
D. **Akkomodazzjoni lill-Mistednin (Fil-Familji)**	
Detentur ta' Liċenza għall-Akkomodazzjoni lill-Mistednin (Fil-Familji)	Lm 25 kull *unit*
Unit titfisser bħala residenza li toffri akkomodazzjoni l-aktar lil erba' mistednin	

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna

E. **Post *Furnished* għall-Btala**

Detentur ta' liċenza ta' Post Furnished għall-Btala	
L-Ewwel Klassi	Lm 56.25 kull *unit*
It-Tieni Klassi	Lm 50.00 kull *unit*
It-Tielet Klassi	Lm 31.25 kull *unit*

Unit titfisser bħala residenza waħda (*flat/maisonette/*dar).

F. **Post *Furnished* għall-Btala liċenzjat biss għat-turiżmu domestiku**

Detentur ta' Liċenza ta' Post *Furnished* għall-Btala liċenzjat biss għat-turiżmu domestiku	Lm 6.25 kull *unit*

Unit titfisser bħala residenza waħda (*flat/maisonette/*dar)

G. **Villel u Rziezet**

Detentur ta' Liċenza ta' Villa/Razzett	Lm 87.50 kull villa/razzett

H. **Postijiet *Timeshare***

Detentur ta' Liċenza ta' Post *Timeshare*	
B'inqas minn 10 *units*	Lm 625 kull post
Bejn 11 u 20 *unit*	Lm 1,250 kull post
21 *unit* u iktar	Lm 1,562.50 kull post

I. **Ristoranti li ma jkunux jagħmlu parti minn Lukanda**

Detentur ta' Liċenza ta' Ristorant li ma jagħmilx parti minn Lukanda

L-Ewwel Klassi	Lm 437.50 kull stabbiliment
It-Tieni Klassi	Lm 312.50 kull stabbiliment
It-Tielet Klassi	Lm 87.50 kull stabbiliment
Ir-Raba' Klassi	Lm 50 kull stabbiliment

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Detentur ta' Liċenza ta' Ħanut tal-*Catering* bi *Franchise* Internazzjonali	Lm 437.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Ristorant/*Snack Bar/Bar* ġewwa Fond fejn isir il-Logħob	Lm 2,500 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Ristorant/*Snack Bar/Bar* ġewwa Fond taċ-Ċinema f'Arei Turistiċi	Lm 125 kull stabbiliment

J. ***Snack Bars***

Detentur ta' Liċenza ta' *Snack Bar* L-Ewwel Klassi	Lm 125 kull stabbiliment
It-Tieni Klassi	Lm 112.50 kull stabbiliment
It-Tielet Klassi	Lm 75 kull stabbiliment
Ir-Raba' Klassi	Lm 37.50 kull stabbiliment

K. ***Take-Aways***

Detentur ta' Liċenza ta' *Take-Away* Ħanut f'Arei Turistiċi Prinċipali	Lm 150 kull ħanut
Ħanut f'Arei Turistiċi Sekondarji	Lm 93.75 kull ħanut
Ħanut f'Arei Mhux-Turistiċi	Lm 31.25 kull ħanut

L. ***Bars* li jkollhom liċenza biex ibiegħu mbejjed u spirti**

Detentur ta' Liċenza ta' Bar li jkollu liċenza biex ibiegħ imbejjed u spirti	
Ħanut b'sehem f'Operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-Turiżmu	Lm 250
Ħanut f'Arei Turistiċi Prinċipali	Lm 187.50
Ħanut f'Arei Turistiċi Sekondarji	Lm 125
Ħanut f'Arei Mhux-Turistiċi	-

M. **Ħwienet tal-Kafè li ma jkollhomx Liċenza biex ibiegħu mbejjed u spirti**

Detentur ta' Liċenza ta' Ħanut tal-Kafè li ma jkollux Liċenza biex ibiegħ imbejjed u spirti	
Ħanut b'sehem f'Operazzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mat-Turiżmu	Lm 187.50
Ħanut f'Arei Turistiċi Prinċipali	Lm 150
Ħanut f'Arei Turistiċi Sekondarji	Lm 93.75
Ħanut f'Arei Mhux-Turistiċi	-

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
N. **Stabbilimenti oħra tal-*Catering***	
Detentur ta' Liċenza ta' Kjosk Fiss	Lm 437.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Kjosk Mobbli jew Operazzjoni ta' Bejgħ Mobbli oħra	Lm 375 kull stabbiliment
O. **Aġenziji**	
Detentur ta' Liċenza ta' Aġenzija ta' Turiżmu li ġej Malta	
Operatur Kbir (li jġib 3,000 turist fis-sena u aktar)	Lm 1,875 kull stabbiliment (inklużi l-fergħat)
Operatur Żgħir (li jġib anqas minn 3,000 turist fis-sena)	Lm 937.50 kull stabbiliment (inklużi l-fergħat)
Detentur ta' Liċenza ta' *Destination Management Company*/Operatur ta' Interess Speċjali	Lm 687.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Operatur ta' Skursjonijiet Organizzati	
Uffiċċju Prinċipali	Lm625 kull stabbiliment
Fergħa/Sotto-aġenzija/Ħanut għall-*Booking*	Lm 437.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Aġenzija ta' Vjaġġi għal Barra minn Malta	
Bi Stabbiliment Wieħed (taħt 3,000 turist)	Lm 250
B'Diversi Stabbilimenti (3,000 turist u iktar)	Lm 500
Detentur ta' Liċenza ta' Aġenziji	Lm 75

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
tat-Tbaħħir/Aġenziji ta' Bejgh ta' Biljetti ta' l-Ajru	kull stabbiliment/fergħa
P. **Servizz tal-Passiġġieri għal Għawdex**	
Detentur ta' Liċenza għal Servizz tal-Passiġġieri għal Għawdex	Lm 15,000 (bil-kuntratt)
Q. **Vapuretti li jġorru l-Passiġġieri fi Vjaġġi għall-Gost**	
Detentur ta' Liċenza ta' Vapurett li jġorr il-Passiġġieri fi vjaġġi għall-gost	
B'liċenza li jġorr:	
Inqas minn 10 passiġġieri	Lm 31.25 kull vapurett
Bejn 11 u 50 passiġġier	Lm 125 kull vapurett
Bejn 51 u 100 passiġġier	Lm 250 kull vapurett
Bejn 101 u 250 passiġġier	Lm 625 kull vapurett
Bejn 251 u 500 passiġġier	Lm 1,250 kull vapurett
Bejn 501 u 1,000 passiġġier	Lm 2,500 kull vapurett
Iktar minn 1,000 passiġġier	Lm 3,750 kull vapurett
R. **Faċilitajiet tat-Trasport**	
Detentur ta' Liċenza ta' Faċilitajiet tat-Trasport	
Karrozza *self-drive*	Lm22.50 kull vettura
Self-*drive Motor-cycle*	Lm 8.75 kull vettura
Taxi	Lm 37.50 kull vettura
Vetturi li Jinsaqu minn Xufier:	
Minibus 7-*seater*	Lm 37.50 kull vettura
Minibus - aktar minn 7-*seater*	Lm 47.50 kull vettura
Karrozza	Lm 27.50 kull vettura
Unscheduled Bus Kategorija A	Lm 112.50 kull vettura
Unscheduled Bus Kategorija B	Lm 93.75 kull vettura
Unscheduled Bus Kategorija Ċ	Lm 75 kull vettura
S. **Diversi kategoriji oħra**	
Detentur ta' Liċenza ta' *Disco* u *nightclub*	Lm 937.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' *Bar* biż-żfin u/jew mużika li ma tkunx mużika 'live' jew mużika ħafifa bħala sfond	Lm 937.50 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' *Bar* biż-żfin b'mużika 'live'	Lm 375 kull stabbiliment

L-Ewwel Kolonna	It-Tieni Kolonna
Detentur ta' Liċenza ta' *Club* u Ċentru ta' *Sports* tal-Baħar/Skola ta' l-Għadis	Lm 375 kull stabbiliment
Detentur ta' Liċenza ta' Skola tal-Lingwi	
Għall-ewwel erba' snin ta' operazzjoni	Lm 125 kull skola
Għat-tieni erba' snin ta' operazzjoni	Lm 375 kull skola
Wara dawn is-snin	Lm 625 kull skola
Detentur ta' Liċenza ta' Ħanut tas-*Souvenirs* u ta' l-Artiġjanat	
F'Arei Turistiċi	Lm 75 kull ħanut
F'Arei oħra	Lm 37.50 kull ħanut
Detentur ta' Liċenza ta' Ħanut ta' l-Imnut fi ħdan Lukanda/Kumpless għall-Btala	Lm 75 kull ħanut

B 128

IT-TIENI SKEDA

(Regolament 2)

AREI TURISTIĊI PRINĊIPALI:

Malta

Valletta, San Pawl il-Baħar, San Ġiljan, Sliema, Mellieħa, Marsaskala, Mdina.

Għawdex

Rabat, Munxar (Xlendi), Żebbuġ (Marsalforn).

AREI TURISTIĊI SEKONDARJI:

Malta

Floriana, Mosta, Gżira, Ta' Xbiex, Pembroke, Rabat, Marsaxlokk, Birżebbuġa, Villaġġ tas-Snajja ġewwa Ta' Qali, Qrendi (limitatament għall-inħawi ta' Wied iż-Żurrieq)

Għawdex

Sannat, Fontana, Għajnsielem (Mġarr).

AREI MHUX-TURISTIĊI:

Kull lokalità oħra mhix imsemmija bħala Area Turistika Prinċipali jew Sekondarja.